# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 31/2024 GG**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru 1331/2023 fl-ismijiet:**

**L-Avukat Dr. Marlon Borg (KI 304189M) bhala mandatarju specjali ta' Jan Fila (Passaport Slovakk Nru. BF6498786)**

**vs.**

**BP Group Limited (C52434) gja Betpoint Group Limited**

Digriet dwar talba tas-socjeta' BP Group Limited ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv.

Illum 15 ta' Frar, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta' BP Group Limited maghrufa qabel bhala Betpoint Group Limited ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15

ta' Jannar, 2024 li bih talbet ir-revoka u thassir tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fl-ismijiet premessi;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Jannar, 2024 li bih ordnat notifika lill-kontroparti bi zmien sebat (7) ijiem ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-6 ta' Frar, 2024 fis-1:30pm;

Rat ir-risposta ta' Dr. Marlon Borg mressqa fil-31 ta' Jannar, 2024 li biha wiegbe li ghar-ragunijiet hemm moghtija t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ikunu michuda;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti li jsawru dan il-kaz, brevement rakkontati u kif jemergi mill-atti processwali, huma li fit-18 ta' Settembru, 2023, l-Avukat Dr. Marlon Borg fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali ta' Jan Fila, l-"Ezekutant", ottjena il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra s-socjeta' BP Group Limited, l-"Ezekutata". It-titolu ezekuttiv vantat mill-Ezekutant fir-rikors ghal-hrug tal-mandat huwa "*European Payment Order* mahrug mill-Qorti ta' Bezirksgericht fur Handelssachen Wien, Awstija, nhar it-e0 ta' Jannar 2023, liema sentenza giet notifikata nhar id-9 ta' Gunju 2023 lis-sekwestrant nomine permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 2328/2023 datata t-2 ta'

Gunju 2023 *ai termini* tal-artikolu 43(1) tar-Regolament 43(1) tar-regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru 2012 (kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok G**');

2. Is-socjeta' Sekwestrata, ossia l-Ezekutata, issa qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka dak il-mandat ta' sekwestru mahrug fuq talba tal-Ezekutant li kien ottjena sentenza minn qorti estera kontra s-socjeta' rikorrenti sabiex din troddlu lura l-flus li hu nefaq sabiex jippartecipa f'loghob li l-istess socjeta' pprovdietlu minn Malta bhala socjeta' debitament licenzjata ghal- dan il-ghan. Is-socjeta' rikorrenti hi tal-fehma illi l-Artikolu 56A tal-Kap 583 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-Ezekutata qed issejjes it-talba taghha fuq dak li jipprovdi l-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-ligijiet ta' Malta izda qabel kull konsiderazzjoni ohra jokkori li l-Qorti tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Ezekutant Fl-ewwel eccezzjoni tghid illi dan ir-rikors kellu jkun ipprezentat fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 1331/2023. Il-Qorti tosserva illi dan huwa rikors <u>wara</u> l-atti tal-mandat ta' Sekwestru 1331/2023 u propost fit-termini tal-artikolu 281 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta. Issa ghalkemm kien ikun aktar desiderabbli li r-rikors isir fl-atti tal-Mandat ta' Sekwstru, dana ma jgib ebda konsegwenza fuq l-Ezekutata u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun respinta;

4. It-tieni eccezzjoni hija dwar l-allegata inkorretezza fin-notifika tal-Ezekutant mis-socjeta' Ezekutata. Dwar din, izda, apparti li ma ngiebet ebda prova ta' notifika zbaljata, l-partijiet dehru u taw

ruhhom b'notifikat fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 2023 u ghalhekk l-eccezzjoni hija minghajr effett u konsegwentement qed tkun respinta;

5. Fit-tielet eccezzjoni, l-Ezekutant irrileva illi n-numru ta' registrazzjoni tas-socjeta' Ezekutata huwa imnizzel hazin. L-istess socjeta' talbet u ottjeniet korrezzjoni waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2023 u l-Ezekutant ta ruhu b'notifikat b'dan it-tibdil. Ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni;

6. Illi subordinarjmanet ukoll l-Ezekutant ecepixxa l-irregolarita', l-irritwalita', u l-insostenibbilita' tat-talbiet attrici kwantu li ma tezisti l-ebda "raguni valida skond il-ligi" kif jirrikjedi l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12. Din l-eccezzjoni izda hija wahda li tista' tkun konsiderata fil-mertu u ghalhekk ser tkun trattata flimkien mal-mertu tar-rikors;

7. Illi ghalhekk fil-mertu, s-socjeta' Ezekutata qed tinvoka l-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Ligijiet ta' Malta bhala raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv mertu tar-rikors. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> 56A. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kull liġi oħra, bħala prinċipju ta' ordni pubblika:
>
> (a) l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb fil-konfront ta' detentur ta' liċenzja u, jew uffiċjali u, jew persuni rilevanti, preżenti jew passati, ta' detentur ta' liċenzja fir-rigward ta' materji relatati mal-provvista ta' servizz tal-logħob, jew fil-konfront ta' ġugatur għax irċieva tali servizz tal-logħob, jekk dik l-azzjoni:
>
> > (i) tikkonfliġġi ma', jew timmina, il-legalità tal-provvista ta' servizzi tal-logħob ġewwa jew minn Malta permezz ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità, jew il-legalità ta' kwalunkwe obbligu legali jew naturali li jirriżulta mill-provvista ta' tali servizzital-logħob; u

(ii) tirrigwarda attività awtorizzata li hija leġittima fit-termini tal-Att u strumenti regolatorji ohra; u

(b) il-Qorti għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u, jew l-infurzar ġewwa Malta ta'kwalunkwe sentenza u, jew deċiżjoni barranijamogħtija fir-rigward ta' azzjoni tat-tip imsemmi fis-subartikolu (a).".

8. Illi l-partijiet jaqblu li l-Ezekutata hija socjeta' registrata f'Malta u licenzjata sabiex tipprovdi loghob skond il-ligi. Minn din l-ottika allura ma hemmx x'wisq li jista' jinghad kontra li tkun milqugha t-talba tal-Ezekutata. Madankollu, l-Ezekutant iqajjem il-kwistjoni tar-retroattiva tal-ligi stante li l-artikolu 56A ddahhal fil-ligi wara l-otteniment tal-Mandat ta' Sekwstru;

9. Illi, l-artikolu 56A ddahhal fil-Kapitolu 583 bhala zieda permezz tal-Att XXI tal-2023 promulgat fis-16 ta' Gunju 2023 minghajr provvediment dwar id-data li fih kellu jidhol fis-sehh u allura meqjus li dahal fis-sehh mal-publikazzjoni tieghu filwaqt illi l-Mandat ta' Sekwestru inhareg fit-18 ta' Settembru, 2023. Ghalhekk mhux car jekk l-Ezekutata hiex qed jirreferi ghad-data tas-sentenza estera li bis-sahha taghha ottjeniet l-hrug tal-mandat in disamina. Fi kwalunkwe kaz, il-ligi procedurali hija meqjusa li ghandha effett retroattiv fis-sistema guridka taghna u dan kif konfermat f'diversi sentenzi f'dan ir-rigward. Ghal dan il-ghan issir referenza ghas-sentenza, fost diversi ohrajn fl-ismijiet Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'dizabilita' vs Michele Peresso Ltd – Cit 412/2001/2 - 25.2.2005;

10. Illi tajjeb ukoll li jkun riprodott l-artikolu 281 (1) tal-Kapitolu 12 li jipprovdi hekk:

> 281 (1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor that din il-ligi jew x ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha, li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi.

11. Illi fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-procedura deciza fil-5 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet Edward Pace v Michael Sultana et (Rik 287/05 JRM) citata b'approvazzjoni minn skorta ta' sentenzi u digriet ohra fejn kien ritenut hekk:

> *Illi l-qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-disposizzjoni fil-Kodici ta' Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibatti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kienitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir- rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;*

*"Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"*

12. Din il-Qorti tqis illi la darba l-kwistjoni tirrientra fil-projbizzjoni ravvizata fl-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-ligijiet ta' Malta li allura taghmilha cara illi ma tista' tinhareg ebda azzjoni bhal din odjerna, allura din hija raguni valida li trid il-ligi;

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' t-talba u konsegwentement tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru numru 1331/2023 fl-ismijiet premessi mahrug fit-18 ta' Settembru, 2023.

__________________________

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

__________________________

**Maraya Aquilina**
**Ghad-Deputat Reġistratur**